MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Numru. 18/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Joseph Spiteri**

Numru: 18/2012

Illum 24 ta' Frar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Spiteri**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bin Giovan u Carol neé Said, imwieled Rabat, nhar il-11 ta' Mejju, 1990, residenti fil-fond numru Pentacon, Flat 2, Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 19690(G), akkuzat talli f'dawn il-

Gzejjer nhar id-19 ta' Frar, 2012 u matul is-sentejn ta' qabel, gewwa n-Nadur, Ghawdex, u fi bnadi ohra f'hinijiet differenti:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) liema droga kienet fil-pussess tieghu meta din id-droga ma kienet ghal uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. biegh jew offra li jbiegh droga psikotropika u ristretta (*Mephedrone*), kontenenti s-sustanza (4-*methylmethcathinone*) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

5. kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*Mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

6. kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*Mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-

disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

7. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31) (*a fol.* 8).

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101) (*a fol.* 9).

Rat il-*Proces Verbal* numru 106/2012 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 17 *et seq.*).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' April 2013 (*a fol.* 63), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Rat is-*Social Inquiry Report* redatt mill-*Probation Officer* Miriam Sevasta (Dok. "MS 1" – *a fol.* 75 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' April 2013 (*a fol.* 70), lid-difiza titlob li jigi appuntat psikologu sabiex jezamina lill-imputat u jirrelata dwar l-istat psikologiku u edukattiv tieghu u jissuggerixxi x'mizuri ghandhom jittiehdu sabiex l-istess imputat ikun jista' jigi ri-abilitat u jkompli l-izvilupp tieghu, liema talba giet milqugha.

Rat ir-rapport tal-Psikologu Dr. Michael Galea (Dok. "MG 1" – *a fol.* 98 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 108), il-Qorti kkoncediet lill-Prosekuzzjoni sabiex tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha sat-2 ta' Settembru 2014 b'notifika lill-konsulent legali tal-imputat li jkollu zmien sat-3 ta' Novembru 2014 sabiex jipprezenta n-Nota responsiva tieghu.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ma pprezentatx in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha minkejja li nghatat l-opportunita' li tipprezenta tali Nota.

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet ipprezentata mid-difiza fid-29 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 114 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 125), lill-Prosekuzzjoni tinforma lill-Qorti li kienet qed tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn qal li fid-19 ta' Frar 2012 ghall-habta tal-11.30pm hu, PC 1384 u l-iSpettur Josric Mifsud kienu *patrol* fil-karnival fin-Nadur. Jghid li nnutaw vettura Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni IBA 476 u fiha kien hemm Stephen Portelli bhala passiggier u David Grech bhala xufier u barra kien hemm l-imputat jitkellem max-xufier. Jispjega li saret tfittxija fuq l-imputat li rrizultat fin-negattiv pero gol-vettura, fuq in-naha tal-passiggier, nstab pakkett tas-sigaretti li kien fih borza tal-plastik trasparenti bi trabb abjad suspettat kokajina li gie elevat. Jghid li hadd mill-guvintur ma ha responsabilita' ghal din is-sustanza u t-tlitt guvintur ttiehdu l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li fuq l-imputat ma nstab xejn. Jghid li l-imputat dejjem kien barra l-vettura jitkellem.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 36 *et seq.*) fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 138 Joseph Portelli.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li lill-imputat ma rah jaghmel xejn.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2012, xehed **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn spjega li huwa hejja l-okkorrenza li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "ES 1" (*a fol.* 42 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li hu ma kienx fuq il-post.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji li xehdu fuqhom PC 138 Joseph Portelli u PC 1384 Felix Sammut bid-differenza li l-ewwel jghid li lemah tlett guvintur gewwa vettura u wara jghid li hekk kif l-imputat lemahhom resqin vicin il-vettura, l-imputat tbaxxa wara l-vettura. Jghid: *"Sussegwentement konna ghamilna investigazzjonijiet ohrajn kemm fuq il-persuna ta' Spiteri kif ukoll persuni ohrajn li kienu hemmhekk fejn f'search sussegwentement li sar gewwa residenza ta' xi hadd iehor kien irrizulta li kien hemm ammont ta' sustanza suspettata droga li ukoll giet elevata u saret inkjesta dwarha"* (*a fol.* 56). Jghid li l-imputat kien irrilaxxa stqarrija, kopja ta' liema tinsab ezebita *a fol.* 26 *et seq.* u li l-imputat kien ikkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Paul Coppini. Jghid li minhabba l-ko-operazzjoni li l-imputat kien ta fl-investigazzjonijiet dwar droga, l-imputat ghandu jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2013, xehdet il-***Probation Officer*** **Miriam Sevasta** (*a fol.* 72 *et seq.*) rigward is-*Social Inquiry Report* (Dok. "MS 1" – *a fol.* 75 *et seq.*) li gie mhejji u ezebit minnha. Ezebit ukoll rapport tal-ETC u tal-OASI li gew immarkati bhala Dok. "MS 2" u "MS 3" (*a fol.* 85 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014, xehed il-**Psikologu Dr. Michael Galea** (*a fol.* 96 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "MG 1" – *a fol.* 98 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija rilaxxata minn David Grech (*a fol.* 23 *et seq.*), liema stqarrija tifforma parti mill-*Proces Verbal* numru 106/2012 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 17 *et seq.*), liema stqarrija giet rilaxxata wara li Grech inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u ma hax dan id-dritt (*a fol.* 25), meta Grech gie

mistoqsi ta' min kien il-pakkett bit-trab abjad suspettat kokajina, jghid li dan kien ta' Stephen Portelli, maghruf bhala l-iStorja. Jghid li ltaqa' ma' Portelli biex hu (Portelli) ikun jista' jaghih kokajina. Jghid li Stephen ma kienx ghad qallu kemm kienet tiswa. Jghid li s-Sibt ta' qabel kien xtara kokajina minn ghand Stephen u kien hallas ghoxrin Euro (€20.00). Mistoqsi kemm il-darba xtara minn ghand Stephen, wiegeb li darba. Mistoqsi jghid x'jixtri, jghid li lil Stephen dejjem kokajina talbu. Mistoqsi ghal darb'ohra kemm il-darba b'kollox xtara kokajina, jghid: *"Darbtejn u l-bierah kienet se tkun tlieta"* (*a fol.* 24). Jghid li fil-Milied kien xtara l-kokajina minn ghand Stephen. Jghid li kien lest li jikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa kif filfatt ghamel.[1]

Illi, fl-istqarrija rilaxxata minn Joseph Spiteri (*a fol.* 26 *et seq.*), liema stqarrija tifforma parti mill-*Proces Verbal* numru 106/2012 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 17 *et seq.*), liema stqarrija giet rilaxxata wara li Spiteri nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u ma hax dan id-dritt (*a fol.* 28), jghid li l-laqam tieghu huwa l-Ganga. Mistoqsi jghid ta' min kien il-pakkett bit-trab abjad suspettat kokajina fil-vettura Isuzu fin-Nadur, jghid li dan kien ta' Stephen maghruf bhala l-iStorja. Jghid hekk: *"Nghid li jien mort fejn ta' l-Abajar, il-posta, ghax kont sejjer nixtri linja. Kif wasalt tajtu l-flus, €40.00, u qas lehaq tani linja, ghax wasaltu intom il-Pulizija"* (*a fol.* 26-27). Mistoqsi jghid xi droga ohra juza barra kokajina, wiegeb *"Smoke, nghid li kwazi kuljum"* (*a fol.* 27). Jghid li jixtri l-blokka b'€50.00. Meta ntqal lilu li Stephen Storja kien stqarr li hu (Spiteri) kien ibiegh ghalih (ghal Stephen) l-*mephedrina* (*meow meow*) kif ukoll kokajina, wiegeb: *"Veru. Mistoqsi meta l-ahhar nghid li illi disa' xhur, minn meta kelli t-tifla. Nghid li jien kont qisni l-pastaz tieghu. Kien jibghatni nqassam id-droga li kienu jordnaw shabu. Nghid li kont nigborlu l-flus ghalih ukoll"* (*a fol.* 27). Jghid li dam jaghmel hekk madwar sitt u tmien xhur. Mistoqsi jghid jekk Stephen kienx ihallsu, jghid li kien jaghtih xi pakkett b'xejn. Jghid li l-akbar ammont li Stephen kien tah biex iqassamlu kien dak ta' ghaxra. Jghid: *"Jien kont nzommlu x-xoghol, u kien jibghatni nqassam ix-xoghol ghalih. Hu kien jmur jiehu, u jien noqghodlu bix-xoghol"* (*a fol.* 27).

[1] *Vide* notament fuq in-naha t'isfel tal-pagna 24.

Jghid li kien lest li jikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa kif filfatt ghamel.[2]

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li fil-kawza odjerna l-imputat qed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li jemergu mill-istqarrija (*a fol.* 26 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija. Jirrizulta li din l-istqarrija giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Paul Coppini.[3] Ghajr ghal din l-istqarrija, mill-atti processwali ma jirrizulta l-ebda ness bejn l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat u l-imputat u dana *stante* li mill-atti processwali jirrizulta li meta saret tfittxija fuq l-imputat ma nstab xejn fuqu.

Illi d-difiza ghandha ragun meta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 114 *et seq.*) targumenta li l-istqarrija rilaxxata minn David Grech (*a fol.* 23 *et seq.*) ma ghandhiex valur probatorju u dana *stante* li David Grech ma giex imtella bhala xhud f'dawn il-proceduri.

Illi d-difiza targumenta wkoll li anke l-istqarrija rilaxxata mill-imputat m'ghandhiex valur probatorju. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, id-difiza taghmel riferenza ghal numru ta' sentenzi moghtija mill-Qrati. Wahda minn dawn is-sentenzi hija l-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ninian Mangion** moghtija fl-10 ta' Lulju 2014, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Irrizulta mill-provi illi fl-elfejn u sitta (2006) meta l-appellant gie interrogat mill-pulizija kien ghadu kif ghalaq it-tmintax-il (18) sena u rrilaxxa zewg stqarrijiet wara illi nghata d-debita twissija. Fl-ewwel stqarrija l-appellant ammetta certa involviment bi ksur tar-regolamenti tal-Kap. 101 mentri fit-tieni stqarrija l-appellant innega kollox. Ghall-Prosekuzzjoni dawn l-istqarrijiet kienu krucjali sabiex jippruvaw l-involviment tal-appellant fit-traffikar kif ukoll pussess ta' droga. Veru illi meta rrilaxxa l-istqarrijiet l-appellant kien ghall-fini

[2] *Vide* notament fuq in-naha t'isfel tal-pagna 27.
[3] *Ibid.*

tal-ligi maggorenni. Però l-Qorti ma tistax tinjora s-sitwazzjoni psikika illi zgur illi affettwat negattivament l-gudizzju tieghu dakinhar illi qed jirrilaxxa l-istqarrijiet.

Minn dak illi xehdet omm l-appellant kif ukoll id-dokumenti esebiti, jirrizulta illi l-appellant ibaghti minn dislexia u disprezia (*low self-esteem*). Kien gie moghti permess specjali mill-METSEC board sabiex il-hinijiet ghall-ezamijiet jigu estizi fil-kaz tieghu, kif ukoll irrizulta illi l-esperjenza skolastika kienet wahda negattiva b'*bullying* kontinwu fil-konfront tieghu. Dan zgur illi ma ghenx u halla *trauma* f'mohh l-appellant illi difficli titnehha jekk mhux bi trapass twil ta' zmien.

Il-Qorti hija sodisfatta illi minkejja illi l-appellant ghalaq it-tmintax-il sena ma kienx psikologikament lest ghall-hajja adulta u kien ghadu qed ibaghti minn dawk l-effetti trawmatici ta' *bullying* kif ukoll id-dislexia u disprezia illi kien qed ibaghti bihom.

Fis-sentenza preliminari taghha din il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** fejn il-vulnerabiltà tal-persuna hija determinanti hafna sabiex jitqies il-valur probativ ta' stqarrija minnu rrilaxxata. Il-vulnerabiltà m'ghandhiex età. Minbarra l-kriterji msemmija fl-Art. 208AC (2) tal-Kap. 9, persuna tista' tkun jew ma tkunx vulnerabbli kemm meta tkun taht l-età u anki ta' età maggorenni; kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari ta' dik il-persuna.

Fil-fatt, f'kawza deciza llum stess **Il-Pulizija vs Clyde Bonavia** l-Qorti dehrilha li minkejja li l-appellant kien taht l-eta' meta rrilaxxa l-istqarrija dan ma kellux jitqies bhala vulnerabbil minhabba l-proceduri tieghu u d-dispozizzjoni li kellu dak iz-zmien ghall-hajja refrettarja.

Naturalment il-prezunzjoni ta' vulnerabbilita' hija aktar qawwija f'persuna taht l-età però anke persuna ta' età maggorenni tista' tkun vulnerabbli u soggett li tkun

> influwenzata u impressjonata mill-fatt illi tkun qed tigi interrogata mill-pulizija.
>
> Din il-Qorti kellha ukoll okkazjoni sabiex tidhol f'din il-kwistjoni fil-kawza **Il-Pulizija versus Natasha Gouder** deciza minnha stess fit-8 ta' Mejju 2014 fejn hawn ukoll persuna ta' età maggorenni giet dikjarata bhala persuna vulnerabbli skont ic-cirkostanzi partikolari taghha. U hekk ukoll din il-Qorti se taghmel f'din il-kawza. Meta tqis il-kondizzjoni psikika tal-appellant dan zgur illi ma kienx f'pozizzjoni illi jifhem id-drittijiet tieghu kif gew spjegati lilu qabel ma irrilaxxa stqarrija. L-ufficcjali tal-pulizija setghu kienu korretti u skont il-ligi meta huma ipprocedu biex jiehdu l-istqarrija tal-appellant. Però b'daqshekk ma jfissirx illi l-appellant fehem jew kien f'pozizzjoni li jifhem id-drittijiet tieghu u mehud in konsiderazzjoni l-passat ricenti tieghu u l-kondizzjoni psikika zgur illi dan ghandu jitqies bhala persuna vulnerabbli u l-istqarrijiet minnu rilaxxati f'dawk iz-zmienijiet m'ghandhomx jitqiesu bhala parti mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tieghu. Irrizulta illi provi ohra kontra l-appellant minbarra l-istqarrija ma hemmx".

Illi, fis-sentenza kwotata hawn fuq, cioé **Il-Pulizija vs. Ninian Mangion**, l-imputat kien qed jigi akkuzat b'reati li allegatament sehhew fi Frar 2006 u fix-xhur ta' qabel. F'dan il-kaz l-istqarrija tal-imputat kienet ittiehdet qabel l-introduzzjoni tal-ligi fi Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) li tat lill-arrestat id-dritt illi jikkonsulta ruhu ma' avukat. Fil-kaz odjern, dan id-dritt kien introdott tant li l-imputat ghazel li ma jiehux dan id-dritt (*a fol.* 28).

Illi l-Qorti semghet dak li kellhom xi jghidu l-*Probation Officer* Miriam Sevasta u l-Psikologu Dr. Michael Galea u rat ukoll ir-rapporti redatti minnhom. Meta l-*Probation Officer* Miriam Sevasta giet mistoqsija rigward l-immaturita' tal-imputat, hi tghid li l-imputat trabba' man-nanna materna u li ghalkemm l-imputat ghandu madwar tlieta u ghoxrin sena, xi kultant jirraguna ta' tifel zghir. Fir-rapport (Dok. "MG 1" – *a fol.* 98 *et seq.*) redatt mill-Psikologu Dr. Michael Galea, Dr. Galea jghid hekk:

> *"Thus, having been raised particularly during such vulnerable age with serious parental conflict, leading to separation, together with the probable spoiled caregiving at his paternal grandmother's house, must have surely had a bearing on later adult life decisions and attitudes"* (*a fol.* 98).
>
> *[...]*
>
> *"Mr. Spiteri tends to lean on others for security, support, guidance and direction. He earnestly tries to obtain and maintain nurturance and supportive relationships. The person acts both passively and assertively to accomplish this central goal. Some form of overprotection during childhood years produces this style"* (*a fol.* 101).

Fir-rapport tieghu, il-Psikologu Dr. Michael Galea jasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *"1. Although Mr. Spiteri, the client, has average intelligence, his childhood upbringing and experiences (exposed as he was to continuous parental conflict leading to the separation, living with his maternal grand-mother, raised in a spoiled manner where self-discipline was clearly lacking, his bullying and negative impact by bad friendships) led to immature decisions with problematic consequences.*
>
> *[...]*
>
> *4. It is clear that the client uses a number of defense mechanisms to fight his fear from rejection or abandonment, innate in him since his childhood experiences. He clearly requires assistance to work on self-esteem issues and assertion, clearly lacking in him. Considering that presently, he and his family live with his mother, under her guidance, may reasonably be a step in the right direction. His mother assured me that she can assist in both taking care of her grand-daughter while her parents work, and also mentor her son in his earnest process towards autonomy.*

> 5. *Considering the problems of emotional immaturity and dependency issue (which have led to problematic behaviour) by the client, some conclusions are in place"* (*a fol.* 104-105).

Illi, minkejja dan kollu, il-Qorti tinnota li, kif diga nghad hawn fuq, l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat qabal irrilaxxa l-istqarrija, liema dritt huwa rrifjutah (*a fol.* 28). Fl-istqarrija rilaxxata minnu (*a fol.* 26 u 27), l-imputat jaghti twegibiet cari daqs kristall ghad-domandi maghmula lilu. Jidher li l-imputat kien qed jifhew sew dak li kien qed jigi mistoqsi u li huwa kien lest jikkoopera mal-investigazzjonijiet redatti mill-Pulizija. Jirrizulta li l-Pulizija mxiet kif kellha timxi skond il-ligi meta giet biex tigi rilaxxata l-istqarrija tal-imputat. Ghandu jinghad ukoll li f'kaz li setgha kien hemm xi dubju f'dak li setgha fehem l-imputat meta gie moghti d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat, dan id-dubju jizvanixxi meta l-Qorti tikkunsidra li l-imputat ikkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Paul Coppini l-istqarrija rilaxxata minnu u huwa kkonfermaha bil-gurament wara li l-Magistrat Dr. Coppini tah it-twissija. Riferenza ghandha ssir ghaz-zewg sentenzi moghtija fit-22 ta' Frar 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs. Tyrone Fenech**, fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "Dik il-garanzija iżda ma huwiex biss l-avukat li jista' jagħtiha. Id-dispożizzjonjiet tal-Art 24A(12) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap. 101"], li jgħid illi l-Pulizija Esekuttiva tista' titlob lil maġistrat biex jisma' bil-ġurament lil kull persuna li hija taħseb li għandha informazzjoni dwar reat taħt dik l-Ordinanza, huma maħsuba biex jagħtu dik il-garanzija. Il-preżenza ta' maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju indipendenti mill-pulizija, hija garanzija biżżejjed illi l-istqarrija tingħata b'għażla ħielsa, volontarjament, u ma tiġix imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.
>
> Din il-qorti ma tistax, bla ma turi nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjoni ġudizzjarja tal-pajjiż, tgħid illi l-garanzija ta' leġittimita mogħtija bil-preżenza ta' maġistrat ma hijiex, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, biżżejjed".

Ghaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ghandha tittiehed in konsiderazzjoni u ghandha tinghata l-valur li ghandha tinghata.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-ewwel sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, l-imputat qieghed jigi akkuzat li kkommetta reati fir-rigward tad-droga kokajina u fir-rigward tal-*mephedrone*. Fis-seba' imputazzjoni, l-imputat qieghed jigi akkuzat li kkommetta reat fir-rigward tad-droga *cannabis*. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel riferenza ghall-istqarrija (*a fol.* 26 u 27) rilaxxata mill-imputat minn liema stqarrija l-Qorti mhijiex sodisfatta li l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom. Mhux l-istess jinghad fir-rigward tat-tielet (3), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, liema imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghhom.

Illi, fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni, u cioé fejn l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ezebiet l-ebda sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat. M'hemmx dubju li t-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx pruvata u ghaldaqstant l-imputat mhux ser jinstab hati taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss it-tielet (3), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali (Dok. "Y" – *a fol.* 51 u 52) tal-istess imputat, dak li xehdu l-*Probation Officer* Miriam Sevasta (*a*

*fol.* 72 *et seq.*) u l-Psikologu Dr. Michael Galea (*a fol.* 96 *et seq.*), u kif ukoll ir-rapporti redatti minnhom. Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li fid-depozizzjoni tieghu l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dak kollu li ghadu kemm inghad, jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex l-imputat jigi mghejjun biex jaghraf u jimxi fit-triq it-tajba.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4), tal-hames (5), u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, u Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii), u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939), u kif ukoll Artikoli 40A, 120A(1)(a), u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Joseph Spiteri hati tat-tielet (3), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Joseph Spiteri taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Joseph Spiteri bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Joseph Spiteri.

Finalment, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat Joseph Spiteri sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' mitejn u sittin Euro (€ 260.00) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert Dr. Michael Galea.[4]

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] *a fol.* 106 *tergo*.